MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1802/2004

**Sun Route Hotels Limited (C-10271)**
**vs**
**Sullivan Travel & Tourism Services Limited (C-19679)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Settembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u tnejn u tletin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm932.84), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' akkomodazzjoni riservati mill-konvenut fil-lukanda Santana fi Triq il-Maskli, Qawra.**
**Nonostante illi giet interpellata thallas verbalment kif ukoll bil-miktub (Dok>C) is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.**
**Ghalhekk qed jintalab ukoll l-imghax mid-data tal-fatturi ndikati fuq il-prospetti annessi mal-avviz sal-**

**hlas effettiv bir-rata ta' 8% fis-sena oltre l-ispejjez tal-prezenti.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-10 t'Ottubru, 2004 fejn intqal :**

**i. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi fid-19 t'Awissu, 2004 is-socjeta` konvenuta baghjtet cekk ghall-ammont ta' mija u sitta u hamsin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm156.92) ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici (Dok.ST.1), liema cekk fil-fatt issarraf, u konsegwentement is-socjeta` attrici kienet qed taccetta tali pagament ghas-saldu, u tirrinunzja ghal kull pretensjoni ohra fir-rigward.**

**ii. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici m'huwiex dovut stante illi l-istess socjeta` attrici kienet debitrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' disa' mija u tlieta u tletin lira u erba' centezmi (Lm933.04), rapprezentanti « commissions » skond ftehim ezistenti bejn il-partijiet, u liema somma nzammet mis-socjeta` konvenuta bi tpacija.**

**iii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Stephen Ellul Sullivan, Vincent Tabone, u George Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Is-socjeta` attrici qed titlob hlas li hu bilanc ta' prezz ta' akkomodazzjoni riservati mis-socjeta` konvenuta fil-lukanda Santana, Qawra.**

**2. Is-socjeta` konvenuta qed teccepixxi l-pagament, peress illi tghid li fid-19 t'Awissu, 2004 kienet baghtet cekk ghall-ammont ta' mija u sitta u hamsin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm156.92) ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici (Dok.ST.1), liema cekk issarraf. Inoltre is-socjeta` konvenuta qed tghid li s-socjeta` attrici kienet debitrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' disa'**

**mija u tlieta u tletin lira u erba' centezmi (Lm933.04), rapprezentanti « commissions » li nzammet mis-socjeta` konvenuta bi tpacija.**

**3. Stephen Ellul Sullivan, Direttur tas-socjeta` konvenuta, xehed li meta Kreutzer kienu jibghatu t-turisti s-socjeta` konvenuta kienet tibghat ic-cekk lil Santana, u wara s-socjeta` konvenuta titlob il-*commission*. Fl-1997, 1998 is-socjeta` konvenuta harget zewg kontijet ghal dawk is-snin. Fl-1998 is-socjeta` konvenuta kellha taghti lis-socjeta` attrici xi pagamenti u sar *set off* mal-*commission* li kellha tittiehed, u baqa' bilanc favur tas-socjeta` konvenuta ta' disa' mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm933.00).**

**4. Skond il-konvenut fid-19 ta' Awissu, 2004, kiteb lis-socjeta` attrici, Dok.ST1, fejn ghaqqad l-ammonti li s-socjeta` konvenuta kella taghtihom, naqqas il-*commission*, u naqqas il-bilanc ta' Lm933.00. Kien baqa' bilanc favur tas-socjeta` attrici ta' Lm156.72 u baghtilhom il-hlas. Gie esebit d-Dok.ST2 datata 30 ta' Novembru, 1998, li turi kif waslu ghall-ammont ta' Lm933. Ic-cek ta' mija u sitta u hamsin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm156.72) kien gie accettat mis-socjeta` attrici u issarraf.**

**5. Dana hu bazikament konfermat minn Vincent Tabone, General Manager mas-socjeta` attrici. Dana jispjega li kien jintbaghat l-invoice lit-tour operator, dan jibghat cekk li jintbaghat lil-Hotel u wara isiru l-konteggi, u s-socjeta` konvenuta izzomm 5% commission.**

**6. It-Tribunal ser jissofferma ruhu fuq il-punt tal-pagament, liema pagament sar « in settlement ». Kif ritenut mil Qorti ta' L-Appell (Sede Kummercjali), fil-kawza fl-ismijiet William Apap Vs. Joseph Galea et nomine, deciza fis-26 ta' Novembru 1986, jintqal hekk;**

**"Infatti jekk id-debitur offerent jiddikjara b-mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretenzonijiet kollha tal-kreditur, m-ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora il-mod kif offert il-pagament u jaccetah b-kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma offerta ta' pagament a saldu;**

**Fil-kaz in disamina il-konvenut nomine akkompanja ic-'cheque' b-ittra li ma thallix dubbju dwar x-mod ta' pagament kien qed jigi offert. Infatti, fl-ewwel paragrafu, hemm il-kliem "*attached please find our cheque for LM150 in settlement of the Vintage Car Exhibition which you arranged for our Ford Showroom in Pieta', inclusive of all other charges*", u fl-ahhar paragrafu il-mittent informa lill-attur li "*the attached cheque for LM150 is in full and final settlement of all moneys due to you from us*";**
**Il-pagament ma giex offert b-xi riserva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretenzjonijiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu, ma kellux jsarraf ic-'cheque' li baghatlu il-konvenut nomine. In fondo, hawn qeghdin fl-iktar oggetti elementari in material ta' pagament u offerti ta' pagament u din il-qorti ma jidrilhiex li ghandha ghalfejn tespandi aktar."**

**7. Id-Dok.ST1 jitkellem car, u meta sar il-pagament dan kien qed sir ghas-saldu. Ic-cekk fil-fatt gie accettat, u ghalhekk gew accettati il-kundizzjonijiet kollha imsemmija fl-ittra tad-19 t'Awissu, 2004. Ghalhekk ma hemmx izjed lok ghall din l-azzjoni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi jirrizulta l-pagament qed jichad it-talba attrici. Fic-cirkostanzi pertikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------